MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 196/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Charlon Taliana**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charlon Taliana u ohrajn talli:

a) F'Tas-Sliema, nhar is-6 ta' Lulju 2002 ghall-habta tas-6:45pm, ikkommettew serq ta' flus mill-fond nru. 43 sitwat fi Triq Norfolk, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, u bil-hin u li sar ghad-dannu ta' Joseph Grech anzjan ta' 78 sena;

b) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi , bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-istess Joseph Grech, anzjan ta' 78 sena, kontra l-volonta` tieghu;
c) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uzaw vjolenza sabiex igieghlu lill-imsemmi anzjan Joseph Grech jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;
d) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Joseph Grech kif gie ccertifikat mit-tobba ta' li sptar San Luqa;
e) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamlu delitt kontra l-persuna u jew proprjeta`, kellhom fil-pussess taghhom arma regolari jew imitazzjoni ta' arma regolari;
f) Talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Lulju 2002, zammew u/jew garrew jew kellhom fil-pussess taghhom arma regolari minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
g) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Settembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Charlon Taliana hati tas-seba' imputazzjoni (dik immarkata paragrafu (g)) izda sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra (a) sa (f) u kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' tliet snin;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Charlon Taliana tat-8 ta' Ottubru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1) thassar u tikkancella dik il- parti fejn sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u minflok tilliberah minnha;

2) thassar u tikkancella dik il-parti fejn ikkundannatu tliet snin prigunerija u minflok tapplika piena aktar idoneja u gusta ghall-kaz;
3) u tikkonferma s-sentenza fl-bqija taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet *error juris* meta sabitu hati tat-tielet imputazzjoni peress illi r-reat tal-vjolenza kontra l-privat ma giex indikat fost l-artikoli li dwarhom setghet tinsab htija indikati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju tal-10 ta' Gunju 2003.

Dwar dan l-aggravju l-appellant m'ghandux ragun. L-ewwel Qorti sabet il-htija ta' l-imputazzjonijiet dedotti (hlief dik ta' ricettazzjoni skond il-paragrafu (g)) skond l-artikoli citati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu ta' l-10 ta' Gunju 2003. Fost dawn l-artikoli, fil-paragrafu (b) fl-ewwel parti li tirreferi ghall-imputati kollha hlief Martin Tabone, hemm indikat l-artikolu 87(f) li allura jinkorpora fih it-tielet imputazzjoni dedotta originalment. B'hekk l-ewwel aggravju huwa michud.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jghid li l-piena nflitta hija eccessiva u gravuza meta jigu kkunsidrati c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Huwa jibbaza dan l-aggravju fuq zewg lanjanzi: konsiderazzjonijiet fattwalment erroneji li ghamlet l-ewwel Qorti u interpretazzjoni erroneja ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Din il-Qorti sejra tikkunsidrahom *seriatim*.

Dwar l-ewwel ilment l-appellant josserva li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ghamlet referenza ghall-fedina penali ta' l-appellant (allura imputat) bhala li hija twila sitt faccati u li tinkorpora wkoll reat ta' pussess ta' sikkina u diversi reati ohrajn. Huwa jghid li l-fedina penali tieghu hi biss twila faccata u nofs u qatt ma kellu kundanna dwar

pussess ta' sikkina u ma kellux reati ohra li taghhom instab hati. Fil-fehma ta' l-appellant dan jindika li l-ewwel Qorti kienet qed tikkalibra l-piena a bazi ta' konsiderazzjonijiet li ma kinux japplikaw ghalih. Dan in-nuqqas fil-fehma tieghu kien determinanti biex wassal lill-ewwel Qorti teskludi l-applikazzjoni tal-Kap. 446. Jispjega wkoll id-differenza minima bejn il-piena nflitta fuqu u dik inflitta fuq il-ko-imputat Martin Tabone li kellu wkoll l-addebitu tar-recidiva u li kellu involviment akbar fir-reati odjerni peress illi sahansitra forna l-armi li ntuzaw waqt is-serq u kien hu li effettivament ikkommetta vjolenza fizika fuq id-derubat.

Din il-Qorti ezaminat l-atti u sabet li dwar il-fedina penali ta' l-appellant, dik li kienet ghad-disposizzjoni ta' l-ewwel Qorti effettivament kienet twila zewg faccati u mhux sitta kif qalet l-ewwel Qorti (ara fol. 17 u fol. 17 *retro* kif ukoll kopja ohra a fol. 230 u 231 annessa mal-*pre-sentencing investigation report*). Inoltre minn dik il-fedina penali ma tirrizulta l-ebda kundanna dwar pussess ta' sikkina. Hija l-fedina penali tal-ko-imputata Marita Demicoli li turi kundanna ghal pussess ta' sikkina minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija (a fol. 19 *retro*).
It-tieni lment ta' l-appellant jirrigwarda l-applikabilita` o meno ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Jirreferi ghall-fatt li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet li "ma jistghux jigu applikati d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 peress illi kienu gew applikati fil-konfront ta' dan l-imputat id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 152, illum Kapitolu 446".

M'hemm l-ebda dubju li l-appellant huwa korrett. Is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 jghid testwalment:

**"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin:**

**….**

**(c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' *probation* jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-*Probation*."**

Is-sinjifikat ghalhekk huwa car. L-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A li permezz tieghu tista' tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza hi prekluza jekk ir-reat in kwistjoni jkun sar waqt il-perijodu operattiv ta' ordni ta' *probation* jew waqt il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, izda mhijiex prekluza ghaliex persuna tkun diga` bbenefikat minnhom. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax illi r-reati in dizamina gew kommessi waqt li l-appellant kien qieghed la taht ordni ta' *probation* u lanqas taht ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata.

Fil-kaz in ezami l-piena ta' tliet snin prigunerija li nfliggiet l-ewwel Qorti fuq l-appellant kienet l-inqas wahda possibbli bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9. Difatti min jinstab hati ta' serq li jsir flimkien ma' offiza hafifa fuq il-persuna jehel prigunerija ghal zmien minn sentejn sa hames snin (artikolu 274(c) tal-Kap.9). Izda meta l-vjolenza tkun diretta lejn persuna li tkun ghalqet l-eta` ta' hamsa u sittin sena (fil-kaz odjern id-derubat kellu tmienja u sebghin sena) il-piena ghandha tizdied bi grad jew zewg gradi. Jigifieri piena ta' sentejn tizdied bi grad ghal tliet snin u b'zewg gradi ghal erba' snin. Ghalhekk l-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 huwa eskluz peress illi sentenza ta' prigunerija tista' tigi sospiza jekk ma teccedix sentejn. U fil-kaz in ezami m'hemmx ragunijiet specjali u straordinarji li minhabba fihom hemm lok li tinghata piena izghar kif jiddisponi l-artikolu 21 tal-Kap. 9.

Issa, sentenza ta' prigunerija ma tiddependix minn kemm hija twila fedina penali. Fattur li certament irid jittiehed in konsiderazzjoni, pero`, huwa l-gravita` tar-reat jew reati li dwarhom qorti ta' gurisdizzjoni kriminali tkun qed tikkunsidra l-piena opportuna. Hawn ghandna kaz serju hafna: anzjan li qieghed ghall-kwiet f'daru u jidhlulu b'forza tnejn min-nies armati bi skieken biex jisirquh u bl-anzjan li jispicca wkoll isofri offiza ta' natura hafifa. Kulhadd, u aktar u aktar nies anzjani, irid ikollhom is-serhan tal-mohh li jistghu jabitaw gewwa darhom minghajr il-biza' li se jidhlilhom xi hadd jew li sejrin jigu attakkati. Ghalhekk meta jigru kazijiet bhal dak in dizamina, min ikun

responsabbli jrid jirrispondi ta' ghemilu permezz ta' piena adegwatament harxa. U bhalma qalet il-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) **f'Ir-Repubblika v. Dominic Bonnici** fis-sentenza taghha tal-11 ta' Novembru 2004: *"Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibaghtu messagg car mhux biss li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, izda li meta tali vjolenza tkun indirizzata lejn minuri jew anzjani jew lejn persuni ohra partikolarment vulnerabbli, il-piena ghandha tkun aktar severa minn dik li normalment tinghata f'kazijiet ohra."* Huwa mmaterjali li l-offiza fuq il-vittma ma gietx kagunata mill-appellant; f'dan ir-rigward fil-fatt l-ewwel Qorti korrettement ghamlet referenza ghall-artikolu 45(c) tal-Kap. 9. Fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid li kien "indannat" ghax kien tilef xi flus dakinhar. Alla jhares kull min jitlef xi flus u kull min ikun ghaddej minn xi problemi finanzjarji u kull min ikollu trobbija infelici jipprova jsolvi l-problemi tieghu billi jaghtiha ghad-delinkwenza. Din il-Qorti inoltre tosserva li hija kellha ghad-disposizzjoni taghha fedina penali aggornata ta' l-appellant (a fol. 304 u 305). Minnha jidher li fit-3 ta' Lulju 2003 instab hati ukoll dwar pussess tad-droga eroina fil-25 ta' Marzu 2002 u t-tliet xhur ta' qabel u nghata *conditional discharge* ghal perijodu ta' disa' xhur. Dan ifisser, minn dak li jirrizulta mill-fedina penali tieghu, li huwa diga` bbenefika mill-ghoti ta' perijodi ta' liberazzjoni kondizzjonata erba' darbiet. Dan jidher li jikkonferma dak li jirrizulta mill-*pre-sentencing investigation report* li l-appellant ghandu wkoll problema ta' droga.

Fic-cirkostanzi suesposti ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tvarja l-piena nflitta mill-ewwel Qorti li, jigi ribadit, hi fil-minimu possibbli, u lanqas ma ssib raguni sufficjenti biex tapplika l-provvedimenti tal-Kap. 446. Hija izda sejra taghmel ir-rakkommandazzjoni infraskritta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita`

Korrettiva ta' Kordin biex jiehu l-passi kollha mehtiega immedjati biex l-appellant ikun jista' jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni minhabba l-abbuz tad-droga. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata minnufih lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------